A.L. 38 ta' l-1988

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 58)

Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Portijiet (Dritt ta' Ħlas għal Servizz lill-Passiġġieri)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru għall-Iżvilupp Terzjarju, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Portijiet (Dritt ta' Ħlas għal Servizz lill-Passiġġieri) u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1985 dwar Portijiet (Dritt ta' Ħlas għal Servizz lill-Passiġġieri), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 53 ta' l-1985.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Mejju, 1988.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "fuq *cruise*." għandhom jidħlu l-kliem "fuq *cruise*;"; u

(b) fit-tmiem tiegħu għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) passiġġier li jkun wasal Malta fuq bastiment u li jitlaq minn Malta fuq bastiment fl-istess jum li jkun wasal.".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "dritt ta' Lm2" għandhom jidħlu l-kliem "dritt ta' Lm4".